MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 558/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**STJANU AGIUS, iben Carmelo u Anni nee' Balzan, imwieled tal-Pieta' nhar it-22 ta' Lulju, 1981, residenti fil-fond 13, Santa Rita, Triq Freemond, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 418581M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Stjanu Agius** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Settembru, 2003, ghall-habta tal-5.15pm, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Toyota, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni CBG458, liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn Lm1,000 u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Jesmond Demicoli;

2. U aktar talli fl-istess data u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ghal sentenza li giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar, 2004.

Rat li moqrija l-istess, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
1. Fl-Artikoli 261, 267, 271, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghall-fini ta' piena l-istess Artikoli sopra citati fl-inciz (1) ta' dawn l-Artikoli;
3. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' dak li qalu x-xhieda fid-deposizzjonijiet taghhom.

Jesmond Demicoli minn naha tieghu xehed illi kellu van li kien halla pparkjat miftuh ghal ftit minuti, u li kien insteraqlu. Kien snin wara rcieva telefonata minghand Chris Axiaq it-tellar, li kien infurmah illi kien gharaf il-bumper fuq van iehor, li hu – Axiaq, kien hadem snin qabel ghal fuq il-van misruq ta’ Demicoli. Ghalhekk kien sar rapport minnhom ta’ dan lill-pulizija.

Minn naha tieghu dan Chris Axiaq xehed illi hu kien niezel in-nizla tac-Cimiterju tal-Addolorata, u hemm lemah bumper fuq Toyota li hu kien hadem ghal fuq Toyota ohra li dak iz-zmien kienet tappartjeni lil Demicoli. Qal illi kien jaf li lil Demicoli kien naqaslu l-van kollu. Ghalhekk kien cempel lil Demicoli u anke mar l-Ghassa l-Imsida jaghmel rapport. Iddeskriva b’mod dettaljat il-manifattura u x-xoghol li kien fih il-bumper minnu maghmul, u ghala seta’ allura jaghrfu. Ikkonferma wkoll, muri Dok SA1, illi l-bumper kien simili ghal dak minnu maghmul.

Dok SA1 huwa ritratt ezebit mill-Ispettur Frans Micallef li juri l-bumper fuq il-van Toyota, appartenenti lil van iehor.

Sandro Spiteri minn naha tieghu xehed illi huwa kellu van Hi-Lux BBN256 li jidher fir-ritratt SA1 li ha l-istess xhud. Qal illi dan hu kien xtrah minghand Noel (recte Micallef, vide verbal a folio 62), Auto Dealer, Haz Zebbug. Qal illi hu l-van ma kien biddillu xejn minn kif kien xtrah.

Gordon Micallef xehed illi hu kien dealer tal-karozzi. Qal illi hu kellu van Toyota u wahhallu fuqu bumper li xtara minghand Stiano l-imputat madwar hames snin qabel. Dan xtrah ghal madwar Lm70.00. Gharaf ghalhekk kemm il-van kif ukoll il-hadida fuq id-Dok SA1. Zied illi meta wahhal il-hadida kien anke biegh dan il-van lid-dealer Micallef ta’ Haz Zebbug.

Spjega li hu kien iltaqa’ ma’ Stiano ghand dealer Guzi Grima, u qaghad iparla mieghu, u meta kien sejjer dan kien offrielu biex ibieghlu bumper u hadida. Qal illi kien Stiano li kien ghajjatlu, tant illi hu kien ser jitlaq u kien ser jistartja. Xtrahom ghas-somma ta’ Lm70.00 li ghalih kien prezz normali peress illi kienu manifatturati Malta.

Mario Micallef minn naha tieghu qal illi hu kien ibiegh il-karozzi gewwa Haz-Zebbug go l-istabbiliment Joe Micallef Auto Dealer. Ftakar illi hu kien xtara minghand Gordon Micallef Toyota griz b'erba' bibien. Ftakar illi kellu bumper partikolari li kien imwahhal fuqu kemm meta xtrah kif ukoll meta bieghu.

L-Ufficjal Prosekutur prezenta wkoll l-istqarrija tal-imputat, Dok SA folio 25. Fiha Agius qal illi hu kien jixtri l-karozzi u li jekk xi hadd kien jitolbu kien jerga' jbieghhom. Innega li l-bumper kien inxtara minghandu madwar sena u nofs qabel waqt li hu kien Hal Qormi, ghall-prezz ta' madwar Lm70.00.  Anzi jghid illi l-affarijiet murija lilu fir-ritratt qatt ma kienu ghandu, lanqas kien jaf iwiegeb ghala kien qed jinghad hekk fuqu. Ikkonferma li dawk l-affarijiet qatt ma kienu ghandu, wisq anqas bieghhom.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ghazel illi jiehu l-pedana. Xehed hekk. Qal illi fi zmien tal-akkuza kien jahdem ma' hutu fil-gebel, kif ukoll kien ipartat u jbiegh xi karozzi. Ikkonferma li kien ikun ghand Guzi Auto Dealer f'Cannon Road, Qormi. Innega li hu qatt kellu ghandu l-vettura CBG438 (allura l-vettura misruqa). Qal illi f'okkazjoni minnhom hu kien ghand l-imsemmi Guzi u kien qieghed jitkellem ma' certu Pawlu tas-Sigarru. Qal illi ma' din il-persuna m'ghandux aktar kuntatt ghax ma kinx ghand jkun ghand Guzi, u anke ghax dan id-dealer kien mar x'imkien il-Mosta u anke li ghalaq. Qal illi hu kellu Toyota bla bumper u li dan Pawlu kien qallu li kellu bumper u hadida tan-nickel. Xtrahom xi Lm70.00. Qal illi xtrahom u tefaghhom ghand Guzi mal-art, mar fuqu Gordon u talbu li jbieghhomlu u tah xi haga fuqhom. Qal illi kien qala' xi Lm10.00 minn fuqhom. Qal illi dan ghalih kien prezz sew ghax kien bicca pipe ta' Malta. Qal ukoll illi hu ma kinx jaf li dan kellu dawk il-problemi.
Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur ghala dan kollu ma qalux fl-istqarrija, wiegeb ghax kien bezghan u xxukkjat, nonostante li qabel li ma kellux ghalfejn jibza'. Qal illi hu kien halla t-Toyota tieghu bla bumper ghax dawk mill-Japan hekk kienu jigu.

Ittellghu jixhdu wkoll Brian Farrugia u Stephen Cachia biex jghidu rispettivament f'isem Transport Malta, x'vetturi kellhom registrati f'isimhom l-imputat u martu Eleonor Agius fil-perjodu tat-30 ta' Settembru, 2003. Ghalhekk gew ezebiti minnhom id-dokumenti BF folio 90, u Dok SC folio 109. Irrizulta li l-imputat kellu f'dak iz-zmien f'ismu hames vetturi. Senjalament vettura Toyota Hi-Lux Double Cabin Pick-Up, registration number GAT326 ta' kulur isfar li kienet f'ismu mill-5 ta' Gunju, 2004 sal-24 ta' Gunju, 2004. Ittella', kif diga' inghad, biex jixhed Stephen Cachia dwar il-vetturi li kellha registrati f'isimha mart l-imputat Eleonor, dawn kienu tlieta – Fiat, Toyota RAV, u BMW.

Ikkunsidrat:

Illi d-data ta' din l-akkuza tmur lura ghall-20 ta' Settembru, 2003. Illi Agius kif gia' premess, ghazel illi jiehu l-pedana, pero stranament dak li qal fl-istqarrija fejn innega ghal kollox il-pussess ghandu tal-bumper, issa accettah meta xehed viva voce. Qal illi a tempo vergine gideb ghax beza'. Qal ukoll illi verament kien biegh dan il-bumper lil Micallef Gordon, pero mhux kif jghid Gordon ghax ried ibieghhomlu hu, imma ghax skont l-imputat talabhomlu Gordon. Dan id-dettall il-Qorti kienet lesta taccetta il-varjanza fih, hlief ghall-punt saljenti wiehed – illi l-imputat jinsisti li xtara dan il-bumper minghand is-Sigarru, li per parentesi ma sar ebda sforz biex jittella' bhala xhud, biex iqieghdu fuq Toyota, li pero fiz-zmien tal-akkuza hu ma kellux, kif jirrizulta minn dak li xehed Brian Farrugia. Dawn il-varjanzi jqanqlu dubju kbir dwar kemm hu veritjier dak li ddepona Agius, darba li ghazel illi jiehu l-pedana.
Tenut dan kollu premess, u x-xhieda mressqa, din il-Qorti qieghda tillibera lil Agius mill-akkuza ta' serq, ghax fuq din ma ngabux provi;
Tqisu pero hati ta' ricettazzjoni, in vista' tal-fatt illi kellu ghandu dan il-bumper u ta spjegazzjoni xejn konvincenti ta' dan, u dan wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll illi ma ngabet ebda prova ta' recidiva, u qieghda tiliberah mill-istess.

Tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------